Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

Data tal-laqgħa: 28 ta' April 2020

Il-laqgħa nżammet *online* permezz ta' *Microsoft Teams,* nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2020 fl-4.00pm.

Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, il-laqgħa ma ġietx imxandra *live* fuq l-*internet* u lanqas kienet miftuħa għall-pubbliku.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 12. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

13.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 13.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

13.3.1 Para 12.9 – Ġemellaġġi
Is-SE infurmat lill-Kunsill li, minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, il-komun ta' Dörgicse fl-Ungerija ser jipposponi l-programm ta' ġemellaġġ u ser niġu nfurmati hekk kif jiġu deċiżi d-dati l-ġodda.

13.3.2 Is-Sindku staqsa jekk irċivejniex risposta mingħand is-Sindki ta' Pedara u Ficarra. Is-SE wieġbet li l-Kunsill baqa' qatt ma rċieva xejn.

## 13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.4.1.1 *Parking* fuq il-bankina quddiem Kola Store
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fil-laqgħa li saret mal-pulizija x-xahar li għadda, l-uffiċjali preżenti ġew infurmati li TM m'approvatx l-applikazzjoni biex isiru l-*parking bays* fuq il-bankina. La darba m'hemmx permess, il-pulizija infurmawna li ser ikunu qed iħarrku lil min jinqabad jipparkja fuq il-bankina.

13.4.1.2 Is-Sindku ippropona li l-bankina tidjiq u jinħoloq spazju għall-parkeġġ fit-triq. Il-Kunsill unanimament qabel. Is-SE ser tinfurma lill-Perit biex jiċċekkja jekk dan hux possibbli, biex nkunu nistgħu napplikaw għall-permessi neċessarji. Sadanittant, ser titwaħħal tabella '*No parking on pavement – Vehicles will be fined',* biex kulħadd ikun infurmat u nevitaw li vetturi jiġu mħarrka.

13.4.2 Ilmenti mibgħuta lill-pulizija
Is-Sindku infurma li kwalunkwe ilmenti li jinbagħtu lill-pulizija, il-Kunsill għandu jinbgħathom direttament lis-surġent tad-distrett. Residenti li jixtiequ jibqgħu anonimi għandhom jgħaddu l-ilment direttament l-Għassa u mhux il-Kunsill.

13.4.3.1 Infurzar
Is-Sindku qal lis-surġent infurmah li jekk il-Kunsill isir jaf b'xi persuni *homeless* li qed jorqdu barra, għandna ninfurmaw lill-pulizija. Ġie nnutat li fil-gazebo (*playing field*), ikun hemm nies reqdin kuljum. Is-surġent ser jiġi infurmat.

13.4.3.2 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jsir infurzar fi Triq Birbal għax it-tabella biex ma jgħaddux vetturi jekk mhux biex jgħatu servizz jew jekk mhux residenti, li twaħħlet minħabba t-*tower crane* mhux qed tiġi osservata. Is-surġent ser jiġi infurmat.

13.4.3.3 Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill b'żewġt idjar abbandunati fi Triq il-Kbira, ftit 'il fuq minn Qronfla. Dawn qed jattiraw ħafna ħamiem peress li għandhom l-aperturi miftuħin. Is-surġent ser jiġi nfurmat biex jieħdu azzjoni skond il-*bye-law* li għandu l-Kunsill.

13.4.4 <u>*Un/loading Bays* f'Wied Ħal Balzan</u>
Is-Sindku talab li jsir rendikont tal-*un/loading bays* li hemm f'Wied Ħal Balzan sabiex jiġi aċċertat li kollha qiegħdin bil-permess.

13.4.5 <u>Kant f'ċertu pjazez fil-lokalitajiet</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn żewġ kantanti li qed iduru diversi pjazez fil-lokalitajiet biex jallegraw lin-nies fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha, fejn qed jitolbu li jiġu fil-lokalità tagħna. Ġie ssuġġerit li ssir fil-ġnien ta' Casa Antonia, fejn ir-residenti anzjani jistgħu joħorġu fil-gallarija tagħhom. Il-Kunsill qabel ma' dan.

13.4.6.1 <u>Applikazzjonijiet ta' żvilupp fil-lokalità</u>
Is-Sindku irrefera għall-applikazzjoni ta' Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer li ġiet diskussa fil-laqgħa li għaddiet u l-Kunsill unanimament qabel li m'għandux joġġezzjona. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jekk ikun hemm xi applikazzjoni li ma jaqblux magħha għandhom jitkellmu, u f'każ li ma jkunx hemm qbil unanimu jittieħed vot.

13.4.6.2 Is-Sindku qal li jekk ikun hemm bżonn, il-Kunsill joġġezzjona. Il-problema hi li ħadd mill-Kunsill m'hu tekniku f'dan ir-rigward, għalhekk issuġġerixxa li jinħoloq kumitat li xogħlu jkun li jevalwa l-applikazzjonijiet u jgħaddi r-rakkomandazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

13.4.6.3 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament qabel li jinħoloq dan il-kumitat. Kien hemm qbil ukoll li l-membri fil-kumitat se jkun hemm il-Kunsilliera kollha, flimkien mal-eks-kunsillier Daniel Muscat Caruana bħala tekniku. Deċiżjoni finali dwar jekk għandiex issir oġġezzjoni fuq xi applikazzjoni tittieħed mill-Kunsill.

## 13.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

13.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

13.6.1 Għal din il-parti tal-laqgħa, ingħaqad l-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono.

13.6.2.1 <u>Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2019</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2019 kif emendat wara li sar l-*audit*. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta spjegazzjoni dettaljata fuq l-aġġustamenti li ġew proposti mill-Awdituri.

16.6.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

13.6.3.1 <u>Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart minn Jannar sa Marzu 2020</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Marzu 2020. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

13.6.3.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 13.7 Proġett ta' *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla

13.7.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li reġa' tkellem mal-Perit fejn infurmah li TM żgur mhux se tapprova li Triq il-Qarċilla tibqa' *two-way* jekk id-disinn jinżamm kif kien propost mill-Perit għax it-triq mhix wiesgħa biżżejjed.

13.7.2 F'dan ir-rigward u kif approvat f'laqgħa preċedenti, il-Kunsill qabel li tiġi eliminata l-parti tan-nofs (li ħierġa 'l barra bis-siġar), u titħalla biss il-parti tan-naħa tad-djar fejn ġej il-*parking.* Is-SE infurmat li l-Perit jinsab infurmat b'din id-deċiżjoni u ser ikun qed jemenda l-pjanti.

## 13.8 Tisbiħ tal-*Playing field*

13.8.1 Is-Sindku infurma l-Kunsill li s-*survey* sar u l-Perit kien qed jaħdem fuq l-ewwel abbozz ta' pjanti għall-proġett ta' tisbiħ tal-playing field u l-bini tal-latrina, kif kien maqbul f'laqgħat preċedenti, mingħajr ma jsir l-*underground parking.*

13.8.2 Is-Sindku qal li ser jinfurma lill-Perit biex jipprepara wkoll il-*costings,* biex il-Kunsill ikollu stampa ċara tal-ispiża kapitali u jkun f'pożizzjoni li jiddeċiedi kif ser jiġi ffinanzjat il-proġett. Dan il-proġett jista' jsir permezz tad-DPF, fejn il-Kunsill jingħata lura 70% tal-ispiża jekk japplika waħdu, jew 100% tal-ispiża jekk japplika r-Reġjun f'isem il-Kunsill.

13.8.3 Il-pjanti u l-*costings* ser jittressqu għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill hekk kif ikunu lesti.

## 13.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

13.9.1.1 Ċirkulari AKL 2020/044 – Applikazzjoni għall-*Internet Banking* - BOV
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2020/044 – Applikazzjoni għall-*Internet Banking* – BOV mibgħuta mill-AKL.

13.9.1.2 Il-Kunsill, permezz ta' riżoluzzjoni unananimament approva li japplika għas-servizz tal-BOV *Internet Banking,* bis-SE u s-Sindku jkunu l-amministraturi ta' din is-sistema.

13.9.2.1 *Boundary wall* madwar BenRikVille, Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer
Ġiet innutata ittra mibgħuta mill-Perit tal-kuntrattur fejn qed jinfurma li l-blokok tal-konkos li tpoġġew taħt il-bankina, madwar is-sit imsemmi, tpoġġew biex iservu bħala *boundary wall* u biex tiġi ppreservata s-sigurtà pubblika waqt it-twaqqigħ. Dawn ma tpoġġewx fuq *parking bays* u mhux qed jostakolaw it-triq. Il-*boundary wall* se jiġi mressaq 'il ġewwa la darba titwaqqa' l-binja. Apparti minn hekk, fuq ordni tal-BCA, il-kuntrattur ser ikun qed jibni bankina temporanja madwar il-*boundary wall*.

13.9.2.2 Is-SE infurmat li dwar ħlas dovut, talbet lid-DGL għal direzzjoni, fejn ġie kkjarifikat li m'għandu jkun hemm l-ebda ħlas għal permessi għat-tqegħid ta' *boundary wall,* ikun kif ikun mibni.

13.9.2.3 Ġie rrimarkat li f'każijiet bħal dawn, il-kuntrattur kellhu l-ewwel jitlob il-permess tal-Kunsill u mhux jaqbad u jpoġġi l-*boundary wall.*

13.9.3.1 Petizzjoni fuq it-tneħħija tal-i*sleeping policeman* fi Triq Ġużè' Bonnici – risposta mir-residenti
Ġiet innutata r-risposta għad-deċiżjoni tal-Kunsill, mibgħuta mir-residenti. Ir-residenti qed jirrakomandaw miżuri oħra li jistgħu jiġu implimentati biex vetturi ma jgħaddux b'veloċità eċċessiva.

13.9.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament qabel li ssir *slow road marking* u jekk m'hemmx, jitwaħħlu tabelli li jindikaw li hemm *playing field* fil-viċinanzi.

13.9.4.1 Talba biex jiġi installati diversi *sleeping policemen* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima
Resident qed jissuġġerixxi li jiġu installati diversi *sleeping policemen* (9 b'kollox) tul Triq il-Ferrovija l-Qadima biex jitnaqqas l-i*speed* eċċessiv ta' numru kbir ta' vetturi. Ir-resident qed jistaqsi dwar il-*policy* li għamel il-Kunsill. Peress li binjiet ġodda qed jiġu ddisinjati u mibnija b'mezzi li jnaqqsu l-istorbju (bħal aperturi ta' *double glazing*), *sleeping policeman* quddiem dawn il-binjiet mhux ser toħloq inkonvenjent għar-residenti.

13.9.4.2 Apparti minn hekk, qed jistaqsi dwar kif *noise pollution* tiġi qabel is-sigurtà fit-toroq. L-inkonvenjent għall-istorbju għal ftit residenti, huwa ta' periklu għall-maġġoranza tan-nies li jsuqu u jimxu tul f'din it-triq kuljum.

13.9.4.3 Il-Kunsill iddiskuta u għalkemm jaqbel li hemm bżonn li jiġu implimentati miżuri biex jitnaqqas l-i*speed* eċċessiv, mhux tal-opinjoni li jiġu installati dan l-ammont ta' *sleeping policemen*. Ġew identifikati 3 postijiet fejn jistgħu isiru:

- Bejn Vjal Sir Michaelangelo Refalo u Triq il-Bon Pastur;
- Bejn Triq il-Karenza u Triq San Franġisk; u
- Bejn Triq il-Kannizzata u Triq P P Castagna.

13.9.4.4 Dawn se jiġu implimentati wara li dan l-Kunsill ikollu l-approvazzjoni tar-residenti (quddiem u maġenb il-postijiet proposti) skont il-politika tal-Kunsill Lokali u soġġett għall-approvazzjoni ta' TM. Rigward il-*policy* tal-Kunsill għat-tqegħid ta' *sleeping policemen* ġodda, ġie rrimarkat li mhux il-binjiet kollha huma mgħammra b'aperturi ta' *double-glaze*. U anke jekk huma, twieqi u bibien huma maħsuba biex jinfetħu, speċjalment fis-sajf.

13.9.5.1 GOTO Malta – L-użu ta' karozzi elettriċi u *scooters* biex jgħinu fl-assistenza fil-komunità

Ġiet innutata *email* mibgħuta minn GOTO Malta, fejn qed joffru lill-Kunsill biex jagħmel użu mill-karozzi elettriċi u *scooters* biex jassistu lill-komunità f'dawn iż-żminijet.

13.9.5.2 Filwaqt li jirringrazzjhom tal-offerta, il-Kunsill irrimarka li mhux ser ikollu bżonn jagħmel użu ta' dawn il-vetturi.

13.9.6.1 Talba biex issir *barrier* fi Triq Birbal

Sid ħanut fi Triq Birbal ( ftit 'l isfel minn Triq San Franġisk) qed titlob li ssir *barrier* quddiem il-ħanut biex vetturi ma jibqgħux jitilgħu fuq il-bankina.

13.9.6.2 Din it-talba ma ġietx approvata għax bil-*barrier* ser titnaqqas l-aċċessibiltà speċjalment biex jgħaddi *pushchair* / *wheelchair* peress li l-bankina dejqa.

13.9.7.1 Talba biex isiru *bollards* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes

Sid il-ħanut tax-xagħar qed jitlob li jsiru *bollards* quddiem it-tieqa (kbira) tal-ħanut f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes. Dan peress li hwmm periklu għal min ikun qed jistenna fil-ħanut (wara t-tieqa) jekk taħbat vettura fit-tieqa.

13.9.7.2 Il-Kunsill approva li jsiru 2 *bollards* suwed bil-kundizzjoni li dawn isiru a spejjeż tiegħu. Kif is-sid jikkonferma li jaqbel ma' din il-kundizzjoni, napplikaw għal permess ma' TM.

13.9.8.1 Talba biex issir *roundabout* f'Wied Ħal Balzan

Residenta qed titlob li ssir *roundabout* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tabib J Zammit għax ikun ħiereġ min-naħa ta' Triq San Franġisk ma jarax il-vetturi ġejjin.

13.9.8.2 Il-Kunsill innota li fiż-żona hemm *Stop* u t*raffic mirror* li turi ċar il-vetturi li jkunu ġejjin u għalhekk din it-talba ma ġietx approvata. Il-Kunsill irrimarka li l-problema hija lix-xufiera ma jobdux is-sinjali tat-traffiku u jibqgħu ħirġin mingħajr ma jieqfu. Il-pulizija ser jiġu infurmati biex isir infurzar.

13.9.9.1 *Traffic Island* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira

Is-Sindku talab li titneħħa t-*traffic island* li hemm f'Wied Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira u minflok issir konka b'siġra żgħira. Dan għax iżżomm ħafna ilma. Apparti minn hekk qal li din kellha titneħħa meta saret it-triq.

13.9.9.2 Il-Kunsill qabel u ser napplikaw ma' TM għal permess.

13.9.10 Ktieb – *Doorways of Malta*

Kite Group ippubblikat ktieb bl-isem *Doorways of Malta* li jiġbor fih bibien u entraturi ewlenin fil-pajjiż, fejn Ħal Balzan huwa nkluż f'dan il-ktieb. Dan qed jinbiegħ għal prezz ta' €85. Il-Kunsill unanimament qabel li jinxtara ktieb wieħed għas-sezzjoni ta' referenza tal-librerija.

13.9.11.1 *Parking* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fejn is-siġra tal-*ficus*

Residenta qed titlob li jsiru tabelli biex jinfurmaw li vetturi jipparkjaw bl-*exhaust pipe* 'il barra.

13.9.11.2 Il-Kunsill m'approvax din it-talba għax kif inhu mmarkat il-*parking*, il-karozza ma ttikx li tipparkja hekk, apparti minn hekk il-*parking* mhux qiegħed eżatt mal-bini.

13.9.12 Talba għal *reserved parking bay* għal *mini-bus*

Resident qed jitlob li ssir *reserved parking bay* quddiem ir-residenza tiegħu fi Vjal il-Bon Pastur biex isib jipparkja l-*mini-bus* meta jmur id-dar fil-ftit ħin liberu tiegħu. Din it-talba ma ġietx approvata.

13.9.13.1 Periklu fi Triq B. Bontadini

Ir-residenta li kienet talbet li ssir *sleeping policemen* fit-triq, issa qed tinfurma li jekk issir, din mhux ser taħdem. Qed tissuġġerixxi li jiġu implimentati miżuri li jiskoraġġixxu s-sewwieqa milli jibqgħu ġejjin dritt min-naħa ta' Birkirkara.

13.9.13.2 Il-Kunsill qed jitlob lir-residenta tindika x'tip ta' miżuri qed tissuġġerixxi li jsiru biex jiġu diskussi.

13.9.14.1 Ilma tax-xita u drenaġġ

Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li xi residenti minn Triq l-Annunzjata u Triq Ġuże' Bonniċi ġibdula l-attenzjoni dwar il-fatt li, il-ftit għelieqi li baqa' fl-akwata qed jinbnew kollha u għalhekk imħassbin dwar fejn

se jmur l-ilma tax-xita u dwar jekk il-*main* tad-drenaġġ hux ser ilaħħaq mal-ammont ta' residenzi li ser jiżdiedu.

13.9.14.2 Il-Kunsill irrimarka li qabel ma jinħareġ permess ta' żvilupp, suppost ikun sar studju mill-entitajiet ikkonċernati biex jassiguraw li l-*mains* preżenti jistgħu ilaħħqu mal-volum ġdid li ser jkun hemm la darba jibdew jabitaw fihom.

13.9.15.1 <u>*One-Way* fi Triq San Franġisk</u>
L-applikazzjoni biex parti minn Triq San Franġisk (bejn Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq Patri Ġuże' Delia) ssir *one-way* li tipprojbixxi vetturi jidħlu minn Triq il-Ferrovija l-Qadima, ġiet approvata minn TM bil-kundizzjoni li ssir konsultazzjoni pubblika mar-residenti.

13.9.15.2 Il-konsultazzjoni mar-residenti kienet se ssir f'April waqt il-Laqgħa tal-Lokalità però minħabba s-sitwazzjoni preżenti dan mhux possibbli. F'dan ir-rigward, il-Kunsill qabel li niktbu lill-TM biex ninfurmawhom b'dan u nitolbu permess biex nimplimentaw il-*one-way system* bi prova għal xahar u l-Kunsill jevalwa s-sitwazzjoni qabel ma ssir b'mod permanenti. Dan għaliex il-Kunsill jixtieq jimplimenta din is-sistema b'mod urġenti peress liż-żona hija perikoluża ħafna.

## 13.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.10.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 04/20, li tinkludi l-ammont ta' €187.04c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Marzu 2020.

13.10.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

13.11.2 Sakemm ma jkunx hemm Direttivi ġodda, il-laqgħa li jmiss se ssir *online* permezz ta' *Microsoft Teams,* nhar il-Ħamis, 28 ta' Mejju 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 28 ta' Mejju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |